ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 87

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

7 ta' April 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali** . . . 1

★ **Deċiżjoni Nru 284/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress** . . . 6

II *Atti mhux leġislattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2010/195/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)** . . . 7

**Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)** . . . 9

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani** ..... 19

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 286/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/2007 fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-istatistika li tikkonċerna l-kwantitajiet tal-prodotti tal-għaġin** ..... 21

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 287/2010 tas-6 ta' April 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 22

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 288/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ..... 24

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 289/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 281/2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta' April 2010 ..... 26

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda għall-123 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban** ..... 29

DEĊIŻJONIJIET

2010/196/UE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji tagħha** ..... 31

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/197/PESK tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)** ..... 33

2010/198/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2010 li teħles lil-Latvja minn ċerti obbligi biex japplika d-Direttivi tal-Kunsill 66/402/KEE u 2002/57/KE fir-rigward ta'** ***Avena strigosa*** **Schreb.,** ***Brassica nigra*** **(L.) Koch u** ***Helianthus annuus*** **L.** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2042)* [1] ..... 34

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġislattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 283/2010/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Marzu 2010

## li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fis-7 ta' April 2000, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni intitolata "Azzjoni Lokali għall-Impjiegi – Dimensjoni lokali għall-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi".

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 intitolata "Inizjattiva Ewropea għall-iżvilupp ta' mikrokreditu b'appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi" identifikat erba' oqsma ta' prijorità għal azzjoni: it-titjib tal-ambjent legali u istituzzjonali fl-Istati Membri, it-tibdil tal-klima fis-swieq tax-xogħol favur l-impjiegi u l-intraprenditorija, il-promozzjoni tal-aħjar prattika u l-provvista ta' kapital finanzjarju addizzjonali għall-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament. Bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' din l-aġenda, il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) ħolqu fl-2008, l-inizjattiva Jasmine (Azzjoni Konġunta għall-appoġġ ta' Istituzzjonijiet Mikrofinanzjarji fl-Ewropa) li tipprovdi gwida għall-istituzzjonijiet finanzjarji tal-mikrokreditu li mhumiex banek u opportunità ta' finanzjament għal ammont globali ta' EUR 20 Miljun offruti mill-BEI.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2006 intitolata "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd – Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti fid-dinja" stabbiliet l-importanza ta' xogħol deċenti għal kulħadd, l-istess kif għamlet ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Mejju 2007 għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd ([4]).

(4) L-istqarrija tal-Mexxejja wara l-Laqgħa Għolja tal-G-20 f'Pittsburgh fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009 fiha impenn li jittejjeb l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għall-foqra, pereżempju permezz tal-mikrofinanzjament. Il-mexxejja impenjaw ruħhom ukoll li jvaraw grupp ta' esperti fl-inklużjoni finanzjarja internazzjonali li għandu jidentifika l-lezzjonijiet li ġew mitgħallmin dwar approċċi innovattivi għall-forniment ta' servizzi finanzjarji għall-foqra, jippromwovu b'suċċess approċċi ta' politika, u jelaboraw standards dwar l-aċċess għal finanzjament, għarfien finanzjarju u protezzjoni tal-konsumatur.

(5) Il-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar inizjattiva Ewropea għall-iżvilupp tal-mikrokreditu b'appoġġ għat-tkabbir u l-impjieg talab li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżviluppa mikrokrediti b'appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi. Barra minn hekk il-Parlament Ewropew approva EUR 4 Miljuni oħra bħala appoġġ biex azzjoni pilota tkun implimentata fil-kuntest tal-qafas Jasmine. Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni ukoll biex tiffinanzja proġetti għall-mikrokrediti b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati.

([1]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 80.
([2]) Opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2009 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2010.
([4]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 321.

(6) Jeħtieġ li l-isforzi kurrenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri jissaħħu biex jiżdied l-aċċess u d-disponibilità ta' mikrofinanza fuq skala suffiċjenti u f'ħin raġonevoli sabiex tiġi indirizzata d-domanda qawwija ta' dawk li għandhom bżonn l-aktar f'dan il-perjodu ta' kriżi - jiġifieri, dawk li tilfu l-impjieg, dawk li jinsabu fir-riskju li jitilfu l-impjieg u dawk li jkollhom diffikultajiet biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk li qed jiffaċċjaw it-theddida tal-esklużjoni soċjali jew il-persuni vulnerabbli, li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq ta' kreditu konvenzjonali u li jridu jibdew jew jiżviluppaw iktar mikrointrapriża tagħhom stess inkluż impjieg għal rashom waqt li jiġu promossi b'mod attiv l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

(7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2009 intitolata "Impenn Komuni għall-Impjiegi" enfasizzat il-bżonn li jkun offrut ċans ieħor lil persuni bla xogħol u li tinfetaħ it-triq għall-intraprenditorija għal uħud mill-aktar gruppi żvantaġġati li jsibu diffikultà sabiex ikollhom aċċess għas-suq ta' kreditu konvenzjonali. Minbarra l-istrumenti eżistenti, hemm bżonn ta' azzjoni speċifika biex tissaħħaħ aktar il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jissaħħu l-attivitajiet tal-BEI u tal-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) kif ukoll ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn bla ħsara għall-attivitjajiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għalhekk ħabbret il-proposta għal faċilità ġdida ta' mikrofinanzjament għall-UE kollha (minn hawn 'il quddiem "il-Faċilità") biex il-mikrofinanzjament jilħaq aktar persuni, b'mod partikolari gruppi li huma f'riskju u biex tappoġġa aktar l-iżvilupp tal-intraprenditorija, tal-ekonomija soċjali u tal-mikrointrapriżi. Sabiex il-Faċilità tkun effettiva, ikollha impatt li jdum fit-tul, tilħaq il-benefiċjarji potenzjali tagħha u sservi bħala element proattiv għall-politika ta' żvilupp kemm ekonomiku kif ukoll lokali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu punt ta' kuntatt nazzjonali li jippromwovi, jikkoordina, jevalwa u jissorvelja l-azzjonijiet kollha li jittieħdu skont il-Faċilità fit-territorji rispettivi tagħhom.

(8) Ammont dejjem jikber ta' mikrofinanzi lill-persuni vulnerabbli li jkunu jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq ta' krediti konvenzjonali fl-Unjoni Ewropea qed jiġi pprovdut minn istituzzjonijiet ta' mikrofinanza, unions tal-kreditu u banek mhux kummerċjali li jimplimentaw r-Responsabilità Soċjali Korporattiva. Il-Faċilità għandha tgħin lil dawn il-fornituri, li jissuplimentaw is-suq tal-banek kummerċjali, permezz ta' żieda fid-disponibilità ta' mikrofinanzi biex jissodisfaw il-livelli attwali ta' talba.

(9) F'ħafna każijiet dawk li jipprovdu l-mikrofinanza fl-Unjoni Ewropea huma banek kummerċjali u għandhom isiru msieħba importanti fil-Faċilità, bil-għan li jerġgħu jistabbilixxu l-fiduċja fis-suq tal-kreditu u b'attenzjoni partikolari għall-kljient li ma jkollux bażi ta' kreditu.

(10) Entitajiet pubbliċi u privati li jipprovdu mikrofinanza skont din id-Deċiżjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' self responsabbli u b'hekk jevitaw, b'mod partikulari, li l-individwi u l-impriżi jiddejnu żżejjed.

(11) Minbarra d-diffikultà li jinkiseb aċċess għall-finanzjament, l-esklużjoni soċjali u l-inċertezzi fit-tranżizzjoni mill-qgħad jew il-welfare soċjali għall-impjieg għal rashom huma fost l-ostakoli ewlenin għat-twaqqif u l-iżvilupp tal-mikrointrapriżi. L-istrumenti ta' mikrofinanzjament Ewropej jistgħu jagħtu appoġġ lill-istrutturi tal-ekonomija soċjali li jgħinu lill-persuni li huma esklużi fl-integrazzjoni soċjali mill-ġdid u jgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet minimi li hemm bżonn sabiex jidħlu għal proġett ta' negozju permanenti.

(12) L-użu tar-riżorsi tal-Unjoni huwa xieraq u huwa skont ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2009 msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, faċilità unika pan-Ewropea tikkonċentra l-*leverage* minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u tevita sforz mifrux u b'hekk żżid il-provvista ta' mikrofinanzjament fl-Istati Membri kollha. Biex tieħu vantaġġ mill-esperjenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali b'mod partikolari tal-BEI u l-FEI, il-Faċilità għandha tkun stabbilita fuq il-bażi ta' amministrazzjoni konġunta.

(13) L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità għandhom ikunu koerenti u kompatibbli mal-politika tal-Unjoni u konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u tal-atti adottati skont dan. L-attivitajiet tal-Faċilità għandhom ikunu kumplimentari mal-interventi l-oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-istrumenti finanzjarji tal-Programm Qafas ta' Kompettitività u Innovazzjoni, mal-Jasmine, mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), mal-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), ma' Jeremie (Riżorsi Konġunti Ewropej għal Intrapriżi Żgħar Ħafna sa dawk Medji) u mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

(14) Għall-fini ta' din id-deċiżjoni, il-"mikrofinanzjament" għandu jinkludi garanziji, mikrokreditu, fondi ta' ekwità u kważi-ekwità estiżi għall-persuni u mikrointrapriżi koperti minn din id-Deċiżjoni, bil-mikrokreditu jiġi ddefinit bħala self taħt il-EUR 25 000. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-mikrointrapriżi, u l-intrapriżi żgħar u medji ([1]) tiddefinixxi "mikrointrapriża" bħala intrapriża li tħaddem anqas minn 10 persuni, inkluż dawk impjegati għal rashom, u li l-bejgħ annwali u/jew il-karta tal-bilanċi annwali tagħhom ma teċċedix l-EUR 2 miljuni li għandha tkun definizzjoni xierqa għall-fini ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

(15) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, "mikrointrapriża fis-settur tal-ekonomija soċjali" għandha tfisser mikrointrapriża li tipproduċi prodotti u tagħti servizzi fil-qafas ta' missjoni soċjali ċara jew li tagħti servizzi lill-membri tal-komunità mingħajr ebda skop ta' qligħ.

(16) Il-Faċilità għandha tiġi implimentata permezz ta' sensiela ta' azzjonijiet xierqa li jinkludu qsim tar-riskju, garanziji, strumenti ta' ekwità u ta' dejn offruti minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali lill-fornituri tal-mikrofinanzjament. Sabiex tikber l-effettività tagħha, il-Faċilità għanda tiġi kkoordinata u implimentata b'konsistenza mal-istrumenti finanzjarji Ewropej u nazzjonali u mal-istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

Il-Faċilità Ewropea tal-Mikrofinanzjament għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali, msejjħa il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (minn hawn 'il quddiem il-"Faċilità") hija b'dan stabbilita.

*Artikolu 2*

**Għan**

1. Il-Faċilità għandha tipprovdi riżorsi tal-Unjoni biex jiżdied l-aċċess u d-disponibilità tal-mikrofinanzi għal:

(a) persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom, jew li għandhom diffikultajiet biex jidħlu jew jidħlu lura fis-suq tax-xogħol, kif ukoll, persuni li qed jaffaċċjaw it-theddida tal-esklużjoni soċjali jew persuni vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġjata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw aktar il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;

(b) mikrointrapriżi, speċjalment dawk fl-ekonomija soċjali kif ukoll mikrointrapriżi li jimpjegaw il-persuni msemmija fil-punt (a).

2. Il-Faċilità għandha tipprovdi riżorsi tal-Unjoni għall-aċċess għall-mikrofinanzjament, u tippromwovi b'mod attiv opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

*Artikolu 3*

**Baġit**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-Unjoni għall-Faċilità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandha tkun ta' EUR 100 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet ta' kull sena għandhom jiġu deċiżi matul il-proċedura baġitarja annwali, inkluż, jekk ikun meħtieġ hekk, permezz tal-applikazzjoni tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda [1], jew permezz ta' mezzi oħra previsti minn dak il-Ftehim.

3. Il-baġit totali għall-miżuri ta' appoġġ msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 4(1) ma għandux jeċċedi l-1 % tal-baġit tal-Faċilità stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkopri l-ispejjeż kollha tal-Faċilità, inkluż l-ispejjeż amministrattivi għall-istuzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2) li jamministraw il-kontribuzzjoni *tal-Unjoni* kif ukoll spejjeż eliġibbli oħrajn.

*Artikolu 4*

**Azzjonijiet u benefiċjarji eliġibbli**

1. Il-Faċilità għandha tiġi implimentata bl-użu tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif xieraq:

(a) strumenti ta' garanziji u ta' qsim tar-riskju;

(b) strumenti ta' ekwità;

(c) strumenti ta' dejn;

(d) miżuri ta' appoġġ, bħal attivitajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma neċessarji b'mod dirett għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ta' din id-Deċiżjoni u għall-kisba tal-għanijiet tagħha.

2. Il-Faċilità għandha tkun miftuħa għall-korpi pubbliċi u privati stabbiliti fil-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri li jipprovdu mikrofinanzjamenti lill-persuni u mikrointrapriżi fl-Istati Membri.

3. Sabiex jintlaħqu l-benefiċjarji finali u sabiex jinħolqu mikrointrapriżi kompetittivi u vijabbli, il-korpi pubbliċi u privati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' organizzazzjonijiet li jaħdmu sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-benefiċjarji finali tal-mikrokreditu u ma' organizzazzjonijiet, b'mod partikolari dawk appoġġjati mill-FSE, li jipprovdu programmi ta' gwida u ta' taħriġ għal dawk il-benefiċjarji aħħarin.

*Artikolu 5*

**Amministrazzjoni**

1. Il-Kummisssjoni għandha tamministra l-Faċilità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjaru li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2].

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

2. Biex timplimenta l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1), ħlief għall-miżuri ta' appoġġ msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 4(1), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehimiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari mal-BEI u mal-FEI skont l-Artikolu 53d tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-Implimentazzjoni tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]). Dawk il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tar-responsabiltajiet fdati lil dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi dawk id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw il-bżonn li tiġi żgurata addizzjonalità u koordinazzjoni mal-istrumenti finanzjarji Ewropej u nazzjonali eżistenti, u sabiex jippromwovu kopertura komprensiva u bilanċjata bejn l-Istati Membri.

3. Sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u jiġu implimentati l-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom, barra minn hekk, jinkludu obbligu fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jinvestu mill-ġdid ir-riżorsi u r-rikavat, inklużi dividends u rimborżi, f'azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 4(1) għal perjodu ta' sitt snin mid-data tal-bidu tal-Faċilità.

4. Wara l-għeluq tal-Faċilità, il-bilanċ li jibqa dovut lill-Unjoni Ewropea għandu jitħallas lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

5. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonkludu ftehimiet bil-miktub mal-fornituri pubbliċi u privati tal-mikrofinanzjament msemmija fl-Artikolu 4(2) li jistipulaw l-obbligi ta' użu tar-riżorsi li jkunu pprovduti mill-Faċilità skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u biex jipprovdu informazzjoni għat-tfassil ta' rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 8(1).

6. Il-baġit għall-miżuri ta' appoġġ msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 4(1) għandu jkun amministrat mill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Konformità**

L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Faċilità għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' atti adottati skont dan.

*Artikolu 7*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni jkunu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra permezz ta' verifiki effettivi u bl-irkupru tal-ammonti li ma tħallsux kif suppost u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'pieni li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) u ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ([3]), kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([4]).

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, l-OLAF għandu l-poter jagħmel investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, li għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inkluż il-ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat abbażi tal-Faċilita, li jirriżulta minn att jew ommissjoni ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnha, permezz xi spiża mhux ġustifikata.

3. Il-miżuri kollha ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jinkludu referenza għall-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u jipprevedu, b'mod partikolari, sorveljanza u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha u għall-verifiki mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, inklużi, jekk ikunu meħtieġa, verifiki fuq il-post.

*Artikolu 8*

**Rapport annwali**

1. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2) għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni li jistipulaw l-attivitajiet appoġġati f'termini ta' implimentazzjoni finanzjarja, it-tqassim u l-aċċessibilità tal-finanzi fir-rigward tas-setturi u t-tipi ta' benefiċjarji, l-applikazzjonijiet aċċettati u rrifjutati, il-kuntratti konklużi, l-azzjonijiet iffinanzjati u r-riżultati.

2. Sa mhux aktar tard mit-8 ta' April 2011 u kull sena wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet skont din id-Deċiżjoni matul is-sena ta' qabel. Ir-rapport annwali għandu jkun ibbażat fuq ir-rapporti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dan għandu, b'mod partikolari, jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet adottati jew irrifjutati, il-kuntratti konklużi, l-azzjonijiet iffinanzjati, l-ammont totali u t-tip ta' benefiċċjarji kif ukoll id-distribuzzjoni tal-ammonti b'mod ġeografiku u skont is-settur.

([1]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

([3]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

([4]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

Ir-rapport annwali, barra minn hekk, għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt u s-sostenibilità tal-Faċilità espressa f'termini tan-numru totali ta' persuni li għadhom fl-impjieg u tal-mikrointrapriżi li għadhom fin-negozju fi tmiem il-perjodu ta' appoġġ provdut lilhom permezz tal-Faċilità. Fl-aħħar nett, ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-kumplimentarità ma' interventi oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE.

3. Wara l-preżentazzjoni tat-tielet rapport annwali u fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevedu din id-Deċiżjoni.

4. Ir-rapport annwali imsemmi fil-paragrafu 2 jiġi trażmess, għall-informazzjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Abbażi tar-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tagħmel sforzi sabiex tiżgura li l-Faċilità tissodisfa l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 u li tkun aċċessibbli fl-Unjoni Ewropea kollha għal dawk li għandhom ir-riskju li jkunu esklużi soċjalment jew li jsibuha diffiċli biex jidħlu fis-suq tal-kreditu konvenzjali.

*Artikolu 9*

**Valutazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet interim u finali fuq l-inizjattiva tagħha b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2). Il-valutazzjoni interim trid tkun lesta erba' snin wara l-bidu tal-Faċilità u l-valutazzjoni finali mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-mandat(i) mogħtija lill-istituzzjonijiet finanzjari internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2). Il-valutazzjoni finali għandha, barra minn hekk, teżamina sa fejn il-Faċilità laħqet l-għanijiet tagħha.

2. Ir-riżultati tal-valutazzjoni se jkunu trażmessi, għall-informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u, lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | D. LÓPEZ GARRIDO |

# DEĊIŻJONI Nru 284/2010/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Marzu 2010

## li temenda d-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 149 u l-Artikolu 153(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fit-3 ta' Gunju 2009, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "Impenn Komuni għall-Impjiegi", bil-għan li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kif ukoll bejn is-sħab soċjali tal-UE fuq dawn it-tliet prioritajiet ewlenin: iż-żamma tal-impjiegi, il-ħolqien tal-impjiegi u l-promozzjoni tal-mobilità; l-aġġornament tal-ħiliet u l-provvediment tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; u ż-żieda fl-aċċess għax-xogħol.

(2) Biex in-nies qiegħda jingħataw il-possibilità ta' bidu ġdid u biex tinfetaħ it-triq għas-sħubija għall-intraprendenza għal uħud mill-gruppi Ewropej l-iktar żvantaġġjati, inklużi n-nisa u ż-żgħażagħ, il-Kummissjoni pproponiet faċilità ta' mikrofinanzjar Ewropea ġdida għall-impjiegi u għall-inklużjoni soċjali, b'inizjattiva konġunta mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari mal-grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment, biex jiġu żviluppati l-mikrointrapriżi u l-ekonomija soċjali.

(3) Konformement mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja soda ([4]), għandha ssir allokazzjoni mill-ġdid tal-fondi mill-Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress imwaqqaf bid-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) biex tiġi ffinanzjata l-Faċilità ġdida Ewropea ta' Mikrofinanzjament *Progress* għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali imwaqqfa bid-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(4) Wara li ġew eżaminati l-possibilitajiet kollha, għandu jiġi allokat mill-ġdid l-ammont ta' EUR 60 miljun mill-Programm Progress, għall-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament *Progress* ġdida.

(5) Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju sabiex jiġu implimentati l-attivitajiet tal-Unjoni msemmija f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' żmien mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, huwa b'dan stabbilit għal EUR 683 250 000."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | D. LÓPEZ GARRIDO |

([1]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 84.
([2]) Opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 (għandha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2010 (għandha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2010.
([4]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1.
([6]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-25 ta' Jannar 2010**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)**

(2010/195/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" għall-perjodu 2007-2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha, tipprevedi li dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera suġġett għall-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha għall-perjodu 2007-2013 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha, jipprevedi li dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera suġġett għall-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim sabiex il-Konfederazzjoni Żvizzera tkun tista' tipparteċipa f'dawn il-programmi.

(4) In-negozjati ġew konklużi fis-6 ta' Awwissu 2009 billi ġie inizjalat l-abbozz tal-Ftehim ta'.

(5) L-Artikolu 5 tal-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja pendenti t-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika jew ta' konklużjoni.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju għall-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena ta' wara l-iffirmar u l-aktar kmieni mill-baġit tas-sena 2011.

*Artikolu 3*

Fil-każ li titwaqqaf l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija awtorizzata li ssolvi mal-Iżvizzera l-konsegwenzi ta' din il-waqfa b'mod konformi mal-Artikolu 5 tal-Ftehim.

([1]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.
([2]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. Á. MORATINOS

# FTEHIM

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013)

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

minn naħa,

u L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iżvizzera",

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem it-tnejn flimkien imsejħin "il-Partijiet",

wara li kkunsidraw dan li ġej:

(1) Id-Dikjarazzjoni Komuni mehmuża mas-seba' Ftehimiet li ġew iffirmati fil-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera tipprevedi n-negozjati futuri ta' Ftehim għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tat-taħriġ u taż-żgħażagħ.

(2) Il-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" għall-perjodu 2007-2013 u l-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha ġew stabbiliti rispettivament fid-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE [1] u Nru 1720/2006/KE [2] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006.

(3) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera suġġett għall-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali ma' dak il-pajjiż,

FTEHMU FUQ ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

*Artikolu 1*

L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (minn hawn'il quddiem imsejħin "il-Programmi"), skont l-arranġamenti u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u l-Annessi I, II u III, li jifformaw parti integrali minnu.

*Artikolu 2*

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorji fejn japplikaw it-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni, skont il-kundizzjonijiet previsti f'dawk it-Trattati, u għat-territorju tal-Iżvizzera.

*Artikolu 3*

Dan il-Ftehim huwa konkluż għat-tul ta' żmien li jdumu għaddejjin il-Programmi odjerni.Madankollu, bla ħsara għat-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, jekk l-Unjoni tiddeċiedi li testendi dan iż-żmien tal-Programmi mingħajr ma tibdilhom, dan il-Ftehim jiġi awtomatikament estiż ukoll, ħlief jekk waħda mill-Partijiet tinforma lill-oħra, fi żmien 30 jum wara d-deċiżjoni ta' estensjoni tal-Programmi, li hi ma tixtieqx testendi l-kooperazzjoni. Matul iż-żmien tal-estensjoni, l-Iżvizzera għandha tħallas kontribuzzjoni finanzjarja annwali li tkun identika għall-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għas-sena 2013.

Dan il-Ftehim ma jiġix estiż fil-każ ta' terminazzjoni jew denunzja tal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni.

L-Unjoni jew l-Iżvizzera jistgħu jitterminaw dan il-Ftehim billi jinnotifikaw lill-parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħhom. Il-Ftehim jieqaf japplika mis-sena baġitarja ta' wara n-notifika, jekk din tkun magħmula qabel l-1 ta' Ottubru. Jekk dan ma jkunx il-każ, għandu jieqaf japplika mit-tieni sena baġitarja ta' wara n-notifika.

Il-proġetti u l-attivitajiet iffinanzjati fis-snin baġitarji ta' qabel dik li fiha jieqaf japplika l-Ftehim għandhom jitkomplew sakemm jitlestew bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u l-Annessi tiegħu u b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali li japplikaw għal dawn il-proġetti u attivitajiet. Il-Partijiet għandhom isolvu bi ftehim reċiproku l-konsegwenzi oħra naxxenti mit-terminazzjoni.

[1] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.
[2] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

*Artikolu 4*

Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-awtorità nazzjonali maħtura bħala osservaturi fil-kumitati tal-Programmi għandhom jikkonsultaw lil xulxin fil-każ li jkun hemm bżonn, wara talba ta' wieħed minnhom, dwar l-attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Ħieles tal-Persuni għandu jiġi awtorizzat jemenda l-Annessi ta' dan il-Ftehim, b'regola ġenerali permezz ta' proċedura bil-miktub, jekk dan ikun meħtieġ biex jittieħed kont tar-regoli li japplikaw għall-Programmi jew l-iżvilupp tal-kapaċità ta' assorbiment tal-Iżvizzera. L-emendi għall-Annessi għandhom jidħlu fis-seħħ l-għada tal-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt relatata magħhom. Madanakollu, jekk il-Partijiet jiftiehmu fuq emendi għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, dawn għandhom jidħlu fis-seħħ wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

*Artikolu 5*

Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew konkluż mill-Partijiet b'mod konformi mal-proċeduri interni rispettivi tagħhom. Għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar ta' wara d-data tal-aħħar notifika mill-Partijiet li l-proċeduri rispettivi tlestew.

Pendenti t-tlestija tal-proċeduri msemmijin fl-ewwel paragrafu, il-Partijiet għandhom japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju għall-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena ta' wara l-iffirmar, u l-aktar kmieni l-baġit tas-sena 2011, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness I jiġu osservati.

Fil-każ li waħda mill-Partijiet tinnotifika lill-oħra li mhux sejra tirratifika jew tikkonkludi l-Ftehim iffirmat, l-applikazzjoni provviżorja tintemm mis-sena baġitarja ta' wara n-notifika. In-notifika li tittermina l-applikazzjoni provviżorja ma taffettwax l-obbligi tal-Partijiet relatati mal-proġetti u l-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-sena li fiha saret in-notifika, u lanqas dawk relatati mal-ħlas li għandha tagħmel l-Iżvizzera għall-kontribuzzjoni tagħha għas-sena li fiha saret in-notifika.

*Artikolu 6*

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena u Żvediża, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на петнайсети февруари две хиляди и десета година.

Hecho en Bruselas, el quince de febrero de dos mil diez.

V Bruselu dne patnáctého února dva tisíce deset.

Udfærdiget i Bruxelles den femtende februar to tusind og ti.

Geschehen zu Brüssel am fünfzehnten Februar zweitausendzehn.

Kahe tuhande kümnenda aasta veebruarikuu viieteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα πέντε Φεβρουαρίου δύο χιλιάδες δέκα.

Done at Brussels on the fifteenth day of February in the year two thousand and ten.

Fait à Bruxelles, le quinze février deux mille dix.

Fatto a Bruxelles, addì quindici febbraio duemiladieci.

Briselē, divi tūkstoši desmitā gada piecpadsmitajā februārī.

Priimta du tūkstančiai dešimtų metų vasario penkioliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizedik év február havának tizenötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħmistax-il jum ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra.

Gedaan te Brussel, de vijftiende februari tweeduizend tien.

Sporządzono w Brukseli dnia piętnastego lutego roku dwa tysiące dziesiątego.

Feito em Bruxelas, em quinze de Fevereiro de dois mil e dez.

Întocmit la Bruxelles, la cincisprezece februarie două mii zece.

V Bruseli dňa pätnásteho februára dvetisícdesať.

V Bruslju, dne petnajstega februarja leta dva tisoč deset.

Tehty Brysselissä viidentenätoista päivänä helmikuuta vuonna kaksituhattakymmenen.

Som skedde i Bryssel den femtonde februari tjugohundratio.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā
Europos Sajungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Конфедерация Швейцария
Por la Confederación Suiza
Za Švýcarskou konfederaci
For Det Schweiziske Forbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Šveitsi Konföderatsiooni nimel
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Per la Confederazione svizzera
Šveices Konfederācijas vārdā
Šveicarijos Konfederacijos vardu
A Svájci Államszövetség részéről
Għall-Konfederazzjoni Żvizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
W imieniu Konfederacji Szwajcarskiej
Pela Confederação Suíça
Pentru Confederația Elvețiană
Za Švajčiarskou konfederáciu
Za Švicarsko konfederacijo
Sveitsin valaliiton puolesta
För Schweiziska edsförbundet



*ANNESS I*

**Termini u Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja**

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Programmi") u, sakemm ma jkunx diversament previst f'dan il-Ftehim, dan għandu jsir b'kont meħud tal-objettivi, il-kriterji, il-proċeduri u ż-żminijiet ta' skadenza stabbiliti fid-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE u Nru 1720/2006/KE.

2. B'mod konformi mal-arranġamenti stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE u fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE, u b'mod konformi mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji nazzjonali fit-twettiq tal-Programmi, l-Iżvizzera:

   — għandhom jkunu responsabbli mill-istabbiliment jew min-nomina, u mill-monitoraġġ ta' struttura xierqa (Aġenzija Nazzjonali Żvizzera) għal ġestjonii koordinata tal-implimentazzjoni, fuq livell nazzjonali, tal-azzjonijiet tal-Programmi,

   — għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tajba mill-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera tal-krediti mħallsa lilha bħala għajnuna għall-proġetti, u

   — għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw, finanzjament adegwat, il-verifika u s-sorveljanza finanzjarja tal-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera, li għandha tirċievi kontribuzzjoni mill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-ġestjoni u ta' implimentazzjoni tagħha.

   L-Iżvizzera għandha tieħu l-miżuri l-oħrajn kollha neċessarji għat-tħaddim tajjeb tal-Programmi fuq livell nazzjonali.

3. Sabiex tipparteċipa fil-Programmi, kull sena, l-Iżvizzera għandha tħallas kontribuzzjoni lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, b'mod konformi mal-arranġamenti stabbiliti fl-Anness II.

4. It-termini u l-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-għażla tal-applikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet, tal-organizzazzjonijiet u tal-individwi eliġibbli mill-Iżvizzera għandhom ikunu l-istess bħal dawk li japplikaw għall-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-individwi eliġibbli mill-Unjoni.

5. Bil-ħsieb li tiġi żgurata d-dimensjoni tal-Unjoni tal-Programmi, sabiex il-proġetti u l-attivitajiet ikunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni, dawn għandhom jinkludu mill-inqas imsieħeb wieħed li jkun ġej minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni.

6. Il-perċentwal tal-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera, imsemmi fil-punt 3, li sejjer jiġi allokat għall-azzjonijiet li, skont ir-regoli tal-Programmi, għandhom jiġu amministrati mill-Aġenzija Nazzjonali Zvizzera għandu jirrifletti s-sehem ta' dawk l-azzjonijiet fil-baġit tal-Programmi fuq il-livell tal-Unjoni. Il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programmi għandha tiġi kkalkolata skont il-kriterji li japplikaw għall-Istati Membri tal-Unjoni.

7. Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet eżistenti, l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera għandhom jagħmlu minn kollox biex jiffaċilitaw il-moviment ħieles u s-soġġorn ta' studenti, għalliema, apprendisti, dawk li jħarrġu, persunal amministrattiv tal-universitajiet, żgħażagħ u persuni eliġibbli oħra li jivvjaġġaw bejn l-Iżvizzera u l-Istati Membri tal-Unjoni bil-għan li jipparteċipaw f'attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim.

8. Mingħajr ma jiġu affettwati r-responsabbiltajiet tal-Kummisjoni u tal-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-sorveljanza u tal-evalwazzjoni tal-programmi, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programmi għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ kontinwu bi sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Iżvizzera. L-Iżvizzera għandha tippreżenta r-rapporti meħtieġa lill-Kummissjoni u għandha tkun involuta f'miżuri speċifiċi oħra meħudin mill-Unjoni f'dak il-kuntest.

   Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Aġenziji Nazzjonali fit-twettiq tal-Programmi kif ukoll l-istandards komuni stabbiliti fil-Gwida għall-Aġenziji Nazzjonali għandhom jkunu applikabbli għar-relazzjonijiet bejn l-Iżvizzera, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera.

Il-Ftehimiet bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera jew il-benefiċjarji Żvizzeri u bejn l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera u l-benefiċjarji Żvizzeri għandhom ikunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet relevantii tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea u fuq ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' għotjiet u tal-konklużjoni ta' ftehmiet. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-parteċipanti Żvizzeri bl-istess mod kif japplikaw għall-parteċipanti kollha tal-Programmi.

Xi regoli addizzjonali dwar il-kontroll finanzjarju, l-irkupru u l-miżuri l-oħra kontra l-frodi huma stabbiliti fl-Anness III.

F'każ li l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera tkun il-kawża ta' irregolarità, ta' negliġenza jew ta' frodi, jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tirkupra għal kollox xi ammonti li jkunu dovuti lilha mill-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera, l-awtoritajiet Żvizzeri jkunu responsabbli għall-fondi mhux irkuprati.

9. Il-lingwa li għandha tintuża filkuntatti kollha mal-Kummissjoni, fir-rigward tal-proċess tal-applikazzjoni, kuntratti, rapporti li għandhom jiġu ppreżentati u arranġamenti amministrattivi tal-Prgrammi, għandha tkun waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

*ANNESS II*

**Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u għall-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja**

1. Żgħażagħ fl-Azzjoni

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-parteċipazzjoni fil-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" għandha tkun din li ġejja (f'miljuni ta' euro):

| Sena 2011 | Sena 2012 | Sena 2013 |
|---|---|---|
| 1,7 | 1,8 | 1,9 |

2. Il-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-parteċipazzjoni fil-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja għandha tkun din li ġejja (f'miljuni ta' euro):

| Sena 2011 | Sena 2012 | Sena 2013 |
|---|---|---|
| 14,2 | 14,9 | 15,6 |

3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-soġġorm imġarrba mir-rappreżentanti u mill-esperti mill-Iżvizzera għall-parteċipazzjoni tagħhom, bħala osservaturi, fix-xogħol tal-kumitati msemmijin fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE u fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE, jew f'laqgħat oħrajn relatati mal-implimentazzjoni tal-Programmi għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni fuq l-istess bażi u skont l-istess proċeduri bħal dawk għar-rappreżentanti u l-esperti tal-Istati Membri tal-Unjoni.

4. Wara d-dħul fis-seħħ jew il-bidu ta' applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim u fil-bidu ta' kull sena konsekuttiva, il-Kummissjoni għandha tindirizza lill-Iżvizzera sejħa għal fondi li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tagħha għal kull wieħed mill-Programmi koperti minn dan il-Ftehim.

   Il-kontribuzzjoni Żvizzera għandha tiġi espressa u mħallsa f'euro.

   L-Iżvizzera għandha tħallas il-kontribuzzjoni tagħha qabel l-1 ta' Marzu, jekk is-sejħa għal fondi tal-Kummissjoni taslilha qabel l-1 ta' Frar, jew l-aktar tard 30 jum wara s-sejħa għall-fondi jekk din tasal wara l-1 ta' Frar.

   Kwalunkwe dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni jirriżulta fi ħlas ta' imgħax mill-Iżvizzera fuq l-ammont li jibqa' dovut fid-data ta' skadenza. Ir-rata ta' imgħax tikkorrispondi għar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ewlenin tiegħu ta' finanzjament kif pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar ta' skadenza, miżjuda bi tlieta punt ħamsa perċentwali.

*ANNESS III*

**IL-KONTROLL FINANZJARJU, L-IRKUPRU U L-MIŻURI L-OĦRAJN KONTRA L-FRODI**

I. **Verifiki u miżuri kontra l-frodi implimentati mill-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika direttament mal-parteċipanti fil-Programmi stabbiliti fl-Iżvizzera u mas-subkuntratturi tagħhom. Dawn jistgħu jippreżentaw direttament lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni relattiva li huma obbligati li jipprovdu abbażi tal-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim u fil-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjaru applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 [2], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjaru applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 [4], u mar-regoli l-oħra imsemmija f'dan il-Ftehim, il-ftehmiet dwar għotjiet konklużi mal-benefiċjarji tal-Programmi stabbiliti fl-Iżvizzera għandhom jipprevedu li l-verifiki finanzjarji jew oħrajn jistgħu jsiru fi kwalunkwe mument, fl-edifiċji tal-benefiċjarji jew is-subkuntratt tagħhom, mill-persunal tal-Kummissjoni jew minn persuni oħrajn awtorizzati mill-Kummissjoni.

   Il-kontijiet u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija nazzjonali Żvizzera jistgħu jiġu vverifikati mill-persunal tal-Kummissjoni jew minn persuni oħrajn awtorizzati mill-Kummissjoni. Dawn il-verifiki jistgħu jirrigwardjaw ukoll il-kapaċità tal-qafas stabbilit mill-Iżvizzera biex tapplika r-regoli tal-Programmi imsemmija f'dan il-Ftehim u biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba skont il-kriterji tal-Artikoli relevanti tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, u tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007.

3. Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persuni l-oħrajn awtorizzati mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess xieraq għas-siti, ix-xogħlijiet u d-dokumenti, kif ukoll għall-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża dik f'format elettroniku, biex iwettqu dawn il-verifiki. Dan id-dritt ta' aċċess huwa dikjarat b'mod espliċitu fil-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti imsemmija f'dan il-Ftehim. Il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-istess drittijiet bħal dawk tal-Kummissjoni.

   Il-verifiki jistgħu jsiru wara li jintemmu l-Programmi jew dan il-Ftehim skont it-termini previsti fil-kuntratti in kwistjoni.

4. Fil-qafas ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni/l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom ikunu awtorizzati li jagħmlu kontrolli u verifiki fuq il-post fit-territorju Żvizzeru, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet proċedurali tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [5].

   Dawn il-kontrolli u l-verifiki għandhom jitħejjew u jitwettqu b'kollaborazzjoni stretta mal-awtoritajiet Żvizzeri kompetenti maħturin mill-Iżvizzera, li għandhom jiġu informati fi żmien debitu dwar l-iskop, l-għan u l-bażi legali tal-kontrolli u tal-verifiki, sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa.

   Jekk l-awtoritajiet Żvizzeri kkonċernati jkunu jixtiequ, il-verifiki fuq il-post u l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru b'mod konġunt magħhom.

   Fil-każ li l-parteċipanti fil-Programmi jirreżistu kontroll jew verifika fuq il-post, l-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jagħtu lill-kontrolluri tal-Kummissjoni/tal-OLAF, b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali, kull għajnuna meħtieġa li jkollhom bżonn sabiex ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol tagħhom ta' kontroll u ta' verifika fuq il-post.

   Il-Kummissjoni/l-OLAF għandhom jirraportaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet Żvizzeri bi kwalunkwe element li jista' jagħti suspett tal-eżistenza ta' irregolaritajiet li jkunu saru jafu bih matul il-kontroll jew il-verifika fuq il-post. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni/l-OLAF għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet msemmija hawn fuq bir-riżultat ta' dawn il-kontrolli u l-verifiki.

---
(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(2) ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1.
(3) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
(4) ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13.
(5) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

II. **Verifiki u miżuri kontra l-frodi implimentati mill-Iżvizzera**

1. L-awtorità nazzjonali ta' kontroll finanzjarju kompetenti fl-Iżvizzera għandha twettaq kontroll finanzjarju xieraq tal-implimentazzjoni tal-Programmi, b'mod konformi mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-Aġenziji Nazzjonali fit-twettiq tal-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u tal-programm ta' azzjoni għat-tagħlim tul il-ħajja (2007-2013) u mal-istandards komuni stabbiliti fil-Gwida indirizzata lill-aġenziji nazzjonali u mehmuża mal-kuntratti bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera. Kull każ ta' suspett ta' frodi u kull każ konfermat ta' frodi u ta' irregolarità, kif ukoll il-miżuri kollha relatati magħhom meħudin mill-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera u mill-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu nnotifikati mingħajr dewmien lis-servizzi tal-Kummissjoni. L-Iżvizzera għandha tiżgura l-investigazzjoni u t-trattament sodisfaċenti tal-każijiet ta' suspett ta' frodi u l-każijiet kkonfermati ta' frodi u ta' irregolarità wara l-kontrolli nazzjonali jew tal-Unjoni.

   "Irregolarità" għandha tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni rilevanti tal-liġi tal-Unjoni applikabbli taħt dan il-Ftehim jew tal-obbligi kuntrattwali li naxxenti minnu, li jirriżulta minn azzjoni jew ommissjoni minn operaturi ekonomiċi, li għandhom jew li jkollhom l-effett li jippreġudikaw, permezz ta' spiża mingħajr ġustifikazzjoni, il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnha.

   "Frodi" għandha tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonat relatat ma':

   — l-użu jew mal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux eżatti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett l-approprjazzjoni jew iż-żamma indebita ta' fondi li jkunu ġejjin mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew mill-baġits ġestiti mill-Unjoni Ewropea jew f'isimhom,

   — n-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,

   — l-użu ħażin ta' tali fondi għal finijiet għajr dawk li għalihom ġew oriġinarjament mogħtija.

2. L-awtoritajiet Żvizzeri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimpedixxu u jikkombattu kull prattika ta' korruzzjoni attiva jew passiva fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku jew tal-għotja tas-sussidji jew matul l-implimentazzjoni ta' Ftehmiet korrispondenti.

   "Korruzzjoni attiva" għandha tfisser kull att intenzjonat ta' persuna li twiegħed jew li jagħti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, vantaġġ ta' kwalunkwe natura lil uffiċjal, favur tiegħu jew favur terz, sabiex jaġixxi jew jastjeni milli jaġixxi b'mod konformi mad-dover tiegħu jew, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, bi ksur tal-obbligi uffiċjali tiegħu, b'mod li jagħmel ħsara jew li jista' jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

   "Korruzzjoni passiva" għandha tfisser kull att intenzjonat ta' uffiċjal li, direttament jew permezz ta' intermedjarju, jitlob jew jirċievi vantaġġ ta' kwalunkwe natura, favur tiegħu jew favur terz, jew jaċċetta l-wegħda ta' tali vantaġġ dejjem jekk dan jaġixxi jew jastjeni milli jaġixxi b'mod konformi mad-dover tiegħu jew, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, bi ksur tal-obbligi uffiċjali tiegħu, b'mod li jagħmel ħsara jew li jista' jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

3. L-awtoritajiet Żvizzeri u l-persunal li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' kunflitt ta' interess u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih jekk iseħħ tali kunflitt ta' interess jew sitwazzjoni li tista' twassal għal tali kunflitt ta' interess.

III. **Kunfidenzjalità**

L-informazzjoni li tiġi kkomunikata jew li tinkiseb skont dan l-Anness, taħt kwalunkwe forma, għandha tkun koperta mis-sigriet professjonali u tkun protetta bl-istess mod bħal informazzjoni simili mil-liġi Żvizzeru u mid-dispożizzjonijiet korrespondenti li japplikaw għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Tali informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata lil persuni għajr dawk li, fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri jew l-Iżvizzera, jeħtieġu li jsiru jafuha minħabba l-funzjonijiet tagħhom, u lanqas ma tista' tintuża għal finijiet oħrajn għajr dawk li jiżguraw protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

IV. **Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi**

Bla ħsara għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Żvizzera, miżuri amministrattivi u sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Kummissjoni b'mod konformi mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007, u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 ([1]) dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej.

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

V. **Irkupru**

Għall-miżuri ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta, l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera għandha r-responsabbiltà li tagħmel it-talbiet tal-irkupru tal-fondi u li timplimenta kull azzjoni legali meħtieġa fir-rigward tal-benefiċjarji b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. F'każ li l-Aġenzija Nazzjonali Żvizzera tkun il-kawża ta' irregolarità, ta' negliġenza jew ta' frodi, l-awtoritajiet Żvizzeri għandhom ikunu responsabbli għall-fondi mhux irkuprati.

Għall-miżuri b'ġestjoni ċentralizzata mwettqa mill-Kummissjoni, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni meħudin fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jinkludu obbligu ta' ħlas ta' flus minn persuni li mhumiex l-Istati, għandhom ikunu infurzabbli fl-Iżvizzera. L-infurzar għandu jkun regolat mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Iżvizzera. L-ordni għall-infurzar għandha tkun mehmuża mad-Deċiżjoni, mingħajr ebda formalità meħtieġa għajr dik tal-verifika tal-awtentiċità tad-Deċiżjoni mill-awtorità maħtura għal dan il-għan mill-gvern Żvizzeru, li għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni. Wara t-tlestija ta' dawn il-formalitajiet, fuq talba tal-Kummissjoni, din tista' tkompli l-ordni għall-infurzar billi tipproċedi direttament quddiem il-korp kompetenti, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-legalità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni hija soġġetta għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea maħruġin bħala riżultat ta' klawżola ta' arbitraġġ ta' kuntratt konkluż fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim huma infurzabbli taħt l-istess kundizzjonijiet.

## DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-IŻVIZZERA FIL-KUMITATI

Il-Kunsill jaqbel li r-rappreżentanti tal-Iżvizzera għandhom, għall-punti li jikkonċernawhom, jattendu għal-laqgħat tal-kumitati tal-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" u tal-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja kollha (2007-2013). Ir-rappreżentanti tal-Iżvizzera m'għandhomx ikunu preżenti meta dawn il-Kumitati jivvotaw.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 285/2010

## tas-6 ta' April 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE [2], il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, miftiehma f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 (il-Konvenzjoni ta' Montreal), li tistabbilixxi r-regoli dwar ir-responsabbiltà fir-rigward tat-trasportazzjoni internazzjonali bl-ajru tal-passiġġieri, il-bagalji u l-merkanzija.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 stabbilixxa rekwiżiti minimi tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-passiġġieri, il-bagalji u l-merkanzija fuq livell li jiżgura li t-trasportaturi tal-ajru jkollhom assigurazzjoni xierqa li tkopri r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Montreal.

(3) Il-limiti tar-responsabbiltà tat-trasportaturi tal-ajru skont il-Konvenzjoni ta' Montreal ġew riveduti reċentement mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) b'referenza għal fattur ta' inflazzjoni li jikkorrispondi għar-rata akkumulata ta' inflazzjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Montreal.

(4) L-ICAO ddeterminat li l-fattur ta' inflazzjoni mill-4 ta' Novembru 2003, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Montreal, qabeż l-10 %, il-livell li 'l fuq minnu għandu jsir aġġustament tal-limiti tar-responsabbiltà. Għalhekk, il-limiti tar-responsabbiltà ġew riveduti skont dan.

(5) Ir-rekwiżiti minimi tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-merkanzija, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 785/2004, għandhom jiġu aġġustati fil-ħin għal-limiti tar-responsabbiltà riveduti skont il-Konvenzjoni ta' Montreal, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2009.

(6) Għar-responsabbiltà fir-rigward tal-passiġġieri, ir-rekwiżiti minimi tal-assigurazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 785/2004 ġew stabbiliti fuq livell sinifikanti li jaqbeż sew il-limiti tar-responsabbiltà riveduti skont il-Konvenzjoni ta' Montreal.

(7) Fir-rigward tar-responsabbiltà għall-bagalji u l-merkanzija, ir-rekwiżiti minimi tal-assigurazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 785/2004 għandhom jiżdiedu sal-livell tal-limiti tar-responsabbiltà riveduti skont il-Konvenzjoni ta' Montreal.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità [3],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 785/2004, il-paragrafi (2) u (3) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Għar-responsabbiltà fir-rigward tal-bagalji, il-kopertura tal-assigurazzjoni minima għandha tkun 1 131 SDR għal kull passiġġier f'operat kummerċjali.

3. Għar-responsabbiltà fir-rigward tat-merkanzija, il-kopertura tal-assigurazzjoni minima għandha tkun 19 SDR għal kull kilogramma f'operat kummerċjali."

[1] ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1.
[2] ĠU L 194, 18.7.2001, p. 38.
[3] ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 286/2010**

**tas-6 ta' April 2010**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/2007 fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-istatistika li tikkonċerna l-kwantitajiet tal-prodotti tal-għaġin**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/2007 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet tal-esportazzjoni fuq ċereali esportati fil-forma ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1902 11 00 u 1902 19 ([2]) jistipula li l-prodotti tal-għaġin li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet imsemmija hawn fuq u li jiġu esportati lejn l-Istati Uniti jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat (ċertifikat P2) li jgħid jekk dawn jikkwalifikax għal rata applikabbli ta' rifużjoni jew le, fil-każ ta' esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, għall-prodotti ċereali bażiċi użati fil-manifattura tagħhom. Dan ir-Regolament jeżiġi wkoll li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jikkomunikaw l-istatistika neċessarja lill-Kummissjoni.

(2) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, għandha tiġi prevista l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ma jikkomunikawx l-istatistika meta r-rifużjoni applikabbli għall-prodotti taċ-ċereali agrikoli bażiċi użati fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM msemmija hawn fuq tkun sospiża jew inkella żero.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 88/2007 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/2007 jeħodlu postu dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn tmiem kull xahar, l-istatistika marbuta mal-kwantitajiet ta' prodotti tal-għaġin, skont il-kodiċi tan-NM, bi speċifikazzjoni tal-kwantitajiet li jikkwalifikaw għal rifużjoni tal-esportazzjoni u l-kwantitajiet li ma jikkwalifikawx għal rifużjoni tal-esportazzjoni, li fir-rigward tagħhom ikunu nħarġu ċ-ċertifikati matul ix-xahar ta' qabel, fl-indirizz li ġej:

European Commission,
Directorate-General for Enterprise and Industry,
Non-Annex I products,

B-1049 Brussels.

2. Fejn ir-rifużjoni applikabbli għall-prodotti taċ-ċereali agrikoli bażiċi użati fil-manifattura ta' prodotti tal-għaġin li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM 1902 11 00 u 1902 19 tkun jew ġiet sospiża nkella tkun żero, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu ma jikkomunikawx l-istatistika msemmija fil-paragrafu 1."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mindu jkun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 10.
([2]) ĠU L 21, 30.1.2007, p. 16.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 287/2010

## tas-6 ta' April 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 160,8 |
| | JO | 96,4 |
| | MA | 126,5 |
| | TN | 138,4 |
| | TR | 106,2 |
| | ZZ | 125,7 |
| 0707 00 05 | JO | 92,1 |
| | MA | 106,5 |
| | MK | 87,5 |
| | TR | 127,4 |
| | ZZ | 103,4 |
| 0709 90 70 | MA | 98,1 |
| | TR | 105,7 |
| | ZZ | 101,9 |
| 0805 10 20 | EG | 51,1 |
| | IL | 63,4 |
| | MA | 51,3 |
| | TN | 48,0 |
| | TR | 67,5 |
| | ZZ | 56,3 |
| 0805 50 10 | TR | 64,3 |
| | ZA | 71,7 |
| | ZZ | 68,0 |
| 0808 10 80 | AR | 101,4 |
| | BR | 88,1 |
| | CL | 85,5 |
| | CN | 73,4 |
| | MK | 22,4 |
| | US | 140,5 |
| | UY | 74,3 |
| | ZA | 85,5 |
| | ZZ | 83,9 |
| 0808 20 50 | AR | 97,2 |
| | CL | 102,5 |
| | CN | 92,0 |
| | UY | 106,8 |
| | ZA | 100,4 |
| | ZZ | 99,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 288/2010

## tas-6 ta’ April 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta’ Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f’dak li għandu x’jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta’ ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f’idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b’dan mmodifikati skont l-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta’ April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta’ April 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 86, 1.4.2010, p. 27.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-7 ta' April 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 35,27 | 0,70 |
| 1701 11 90 (1) | 35,27 | 4,32 |
| 1701 12 10 (1) | 35,27 | 0,57 |
| 1701 12 90 (1) | 35,27 | 4,03 |
| 1701 91 00 (2) | 35,76 | 7,35 |
| 1701 99 10 (2) | 35,76 | 3,61 |
| 1701 99 90 (2) | 35,76 | 3,61 |
| 1702 90 95 (3) | 0,36 | 0,31 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 289/2010

## tas-6 ta’ April 2010

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 281/2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta’ April 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta’ Ġunju 1996 dwar regoli ta’ applikazzjoni (dazju ta’ importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mill-1 ta’ April 2010 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 281/2010 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji tal-importazzjoni varjat b’EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji tal-importazzjoni ffissati bir-Regolament (UE) Nru 281/2010.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 281/2010 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 281/2010 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika fis-7 ta’ April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta’ April 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 86, 1.4.2010, p. 24.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-7 ta' April 2010**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 28,77 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 22,20 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 22,20 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 28,77 |

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fil-Baħar Mediterran jew fil-Baħar l-Iswed,

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

5.4.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (1) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (2) | Qamħ iebes kwalità baxxa (3) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 151,61 | 101,07 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 169,70 | 159,70 | 139,70 | 76,11 |
| Tariffa fuq il-Golf | 49,68 | 12,42 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | — | — | — | — | — | — |

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 25,62 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 56,43 EUR/t |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 290/2010

## tas-6 ta' April 2010

## li jemenda għall-123 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan, (1) u partikolarment l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(1) (2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-25 ta' Marzu 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li jżid persuna naturali waħda fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u li tiġi emendata annotazzjoni mil-lisra.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
João VALE DE ALMEIDA
*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

(1) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
(2) L-Artikolu 7a ddaħħal mir-Regolament (UE) Nru 1286/2009 (ĠU L 346, 23.12.2009, p. 42).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni naturali":

Muthanna Harith **Al-Dari** (*alias* (a) Dr. Muthanna **Al Dari**, (b) Muthana Harith **Al Dari**, (c) Muthanna Harith Sulayman **Al-Dari**, (d) Muthanna Harith Sulayman **Al-Dhari**, (e) Muthanna Hareth **Al-Dhari**, (f) Muthana Haris **Al-Dhari**, (g) Doctor Muthanna Harith Sulayman Al Dari Al-Zawba', (h) Muthanna Harith Sulayman Al-Dari Al-Zobai, (i) Muthanna Harith Sulayman Al-Dari al-Zawbai, (j) Muthanna Hareth **al-Dari**, (k) Muthana Haris **al-Dari**, (l) Doctor Muthanna **al-Dari**, (m) Dr. Muthanna Harith al-Dari al-Zowbai). Titlu: Doctor. Indirizz: (a) Amman, Ġordan, (b) Khan Dari, Iraq (indirizz preċedenti), (c) Asas Village, Abu Ghurayb, l-Iraq (indirizz preċedenti), (d) l-Eġitt (indirizz preċedenti). Data tat-twelid: 16.6.1969. Post tat-twelid: l-Iraq. Ċittadinanza: Iraqi. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.3.2010.

(2) L-annotazzjoni "Global Relief Foundation (GRF) (alias (a) Fondation Secours Mondial (FSM), (b) Secours mondial de France (SEMONDE), (c) Fondation Secours Mondial — Belgique a.s.b.l., (d) Fondation Secours Mondial v.z.w, (e) FSM, (f) Stichting Wereldhulp — België, v.z.w., (g) Fondation Secours Mondial — Kosova, h) Fondation Secours Mondial 'World Relief'. Indirizz: (a) 9935 South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, U.S.A.; (b) PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, U.S.A.; (c) 49 rue du Lazaret, 67100 Strasbourg, Franza; (d) Vaatjesstraat 29, 2580 Putte, il-Belġju; (e) Rue des Bataves 69, 1040 Etterbeek (Brussels), il-Belġju; (f) PO Box 6, 1040 Etterbeek 2 (Brussels), il-Belġju; (g) Mula Mustafe Baseskije Street 72, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (h) Put Mladih Muslimana Street 30/A, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (i) 64 Potur Mahala Street, Travnik, il-Bosnia u Ħerzegovina; (j) Rr. Skenderbeu 76, Lagjja Sefa, Gjakova, il-Kosovo; (k) Ylli Morina Road, Djakovica, il-Kosovo; (l) Rruga e Kavajes, Building No. 3, Apartment No 61, PO Box 2892, Tirana, l-Albanija; (m) House 267 Street No 54, Sector F — 11/4, Islamabad, il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Lokalitajiet barranin oħra: l-Afganistan, l-Azerbajġan, il-Bangladexx, iċ-Ċina, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Ġeorġja, l-Indja, l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, is-Sierra Leone, is-Somalja u s-Sirja. (b) U.S. Identifikazzjoni Federali ta' min Iħaddem: 36-3804626; (c) V.A.T. In-numru: BE 454419759; (d) L-indirizzi Belġjani huma dawk tal-Fondation Secours Mondial — Belgique a.s.b.l u Fondation Secours Mondial vzw. and Stichting Wereldhulp — België, v.z.w mill-1998. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.10.2002" taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" għandha tinbidel b'dan li ġej:

Global Relief Foundation (GRF) (*alias* (a) Fondation Secours Mondial (FSM), (b) Secours mondial de France (SEMONDE), (c) Fondation Secours Mondial — Belgique a.s.b.l., (d) Fondation Secours Mondial v.z.w, (e) FSM, (f) Stichting Wereldhulp — België, v.z.w., (g) Fondation Secours Mondial — Kosova, h) Fondation Secours Mondial "World Relief"). Indirizz: (a) 9935 South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, U.S.A.; (b) PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, U.S.A.; (c) 49 rue du Lazaret, 67100 Strasbourg, Franza; (d) Vaatjesstraat 29, 2580 Putte, il-Belġju; (e) Rue des Bataves 69, 1040 Etterbeek (Brussels), il-Belġju; (f) PO Box 6, 1040 Etterbeek 2 (Brussels), il-Belġju; (g) Rr. Skenderbeu 76, Lagjja Sefa, Gjakova, il-Kosovo; (h) Ylli Morina Road, Djakovica, il-Kosovo; (il) Rruga e Kavajes, Building No. 3, Apartment No 61, PO Box 2892, Tirana, l-Albanija; (j) House 267 Street No 54, Sector F — 11/4, Islamabad, il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Lokalitajiet barranin oħra: l-Afganistan, l-Azerbajġan, il-Bangladexx, iċ-Ċina, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Ġeorġja, l-Indja, l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, is-Sierra Leone, is-Somalja u s-Sirja. (b) U.S. Identifikazzjoni Federali ta' min Iħaddem: 36-3804626; (c) V.A.T. In-numru: BE 454419759; (d) L-indirizzi tal-Belġju huma dawk tal-Fondation Secours Mondial — Belgique a.s.b.l u Fondation Secours Mondial vzw. and Stichting Wereldhulp — België, v.z.w mill-1998. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.10.2002.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tas-16 ta' Marzu 2010

### dwar l-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross (DNG) użat għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji tagħha

(2010/196/UE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej [1], u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 448/98 tas-16 ta' Frar 1998 li jkompli u jemenda r-Regolament (KE) Nru 2223/96 f' dak li għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) fi ħdan is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA) [2] jipprevedi li d-deċiżjoni sabiex jiġu allokati FISIM għall-istabbiliment tal-prodott nazzjonali gross użat għall-finijiet tal-baġit Komunitarju u r-riżorsi proprji tagħha għandha tiġi adottata mill-Kunsill. B'effett mill-1 ta' Jannar 2002 il-kunċett ta' prodott nazzjonali gross ġie sostitwit bil-kunċett ta' Dħul Nazzjonali Gross (DNG), skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej [3].

(2) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom jipprevedi li fejn modifiki fis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA 95) jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fid-DNG kif previst mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk dawk il-modifiki għandhomx japplikaw għall-finijiet ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Huwa adatt li jintużaw il-kunċetti tal-istatistika l-aktar reċenti għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi proprji tagħha, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-istabbiliment tad-DNG kif previst mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-ESA 95. Għalhekk il-FISIM għandhom jiġu allokati għall-istabbiliment tad-DNG għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi proprji tagħha.

(4) Sa Ottubru 2008, l-Istati Membri kollha tal-UE-27 kienu bagħtu d-data tagħhom inkluż dwar l-allokazzjoni tal-FISIM skont il-metodoloġija l-ġdida. Il-valutazzjoni ta' dik id-data indikat li l-allokazzjoni tal-FISIM tirriżulta f'bidla sinifikanti fit-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom peress li din iżżid id-DNG b'medja ta' aktar minn 1 % u timplika, meta jiġi applikat il-metodu deskritt fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni, bidla fil-limiti massimi stabbiliti mill-Artikolu 3.

(5) Għalhekk l-allokazzjoni tal-FISIM għandha tapplika għall-finijiet tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom.

(6) Jitqies li hu adatt li l-bidliet li jirriżultaw jiġu applikati mis-sena finanzjarja 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM) għandhom jiġu allokati għall-istabbiliment tad-dħul nazzjonali gross għall-finijiet tal-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi proprji tagħha.

*Artikolu 2*

L-allokazzjoni tal-FISIM skont l-Artikolu 1 għandha tapplika għall-finijiet tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom mill-1 ta' Jannar 2010.

[1] ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
[2] ĠU L 58, 27.2.1998, p. 1.
[3] ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. SALGADO

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/197/PESK

## tal-31 ta’ Marzu 2010

## dwar il-varar ta’ missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta’ Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni 1872 (2009) dwar is-sitwazzjoni fis-Somalja, adottata fis-26 ta’ Mejju 2009, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) saħaq dwar l-importanza tal-istabbiliment mill-ġdid, it-taħriġ, l-attrezzar u ż-żamma tal-forzi tas-sigurtà Somali, u ħeġġeġ lill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali biex joffru għajnuna teknika għat-taħriġ u l-attrezzar tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu, 1897 (2009) adottata fit-30 ta’ Novembru 2009, il-KSNU fakkar ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu u afferma mill-ġdid ir-rispett tiegħu għas-sovranità, l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-unità tas-Somalja.

(2) Permezz ta’ ittra datata l-5 ta’ Jannar 2010, il-Ministru tad-Difiża tal-Uganda laqa’ l-missjoni prevista tal-Unjoni b’appoġġ għas-Settur tas-Sigurtà fis-Somalja u stieden lill-Unjoni biex tipparteċipa fit-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja fl-Uganda għal perijodu ta’ mill-inqas sena.

(3) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta’ deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta’ difiża. Id-Danimarka, għalhekk ma tipparteċipax fl-iffinanzjar ta’ din il-missjoni,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Pjan tal-Missjoni għall-missjoni militari tal-UE biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja, minn hawn ’il quddiem imsejjħa “EUTM Somalia”, huwa approvat.

*Artikolu 2*

L-EUTM Somalia ser tiġi varata fis-7 ta’ April 2010.

*Artikolu 3*

Il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM Somalia huwa b’dan awtorizzat b’effett immedjat li jirrilaxxa l-ordni ta’ attivazzjoni (ACTORD) sabiex jeżerċita l-iskjerament tal-forzi u jibda l-eżekuzzjoni tal-missjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta’ Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. Á. MORATINOS

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' April 2010

## li teħles lil-Latvja minn ċerti obbligi biex japplika d-Direttivi tal-Kunsill 66/402/KEE u 2002/57/KE fir-rigward ta' *Avena strigosa* Schreb., *Brassica nigra* (L.) Koch u *Helianthus annuus* L.

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2042)*

**(It-test bil-Latvjan biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/198/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni mressqa mil-Latvja,

Billi:

(1) Id-Direttivi 66/402/KEE u 2002/57/KE stipulaw ċerti dispożizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa taċ-ċereali u żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra. Dawk id-Direttivi jistipulaw ukoll li, taħt ċerti kundizzjonijiet, xi Stati Membri jistgħu jinħelsu għal kollox jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi fir-rigward ta' ċerti speċi.

(2) Il-Latvja applikat għall-ħelsien mill-obbligi tagħha fir-rigward ta' *Avena strigosa* Schreb., *Brassica nigra* (L.) Koch u parzjalment fir-rigward ta' *Helianthus annuus* L.

(3) Iż-żerriegħa ta' *Avena strigosa* Schreb, *Brassica nigra* (L.) Koch and *Helianthus annuus* L. normalment ma jiġix riprodott jew imqiegħed fis-suq fil-Latvja. Barra minn hekk, l-importanza ekonomika fil-pajjiż imsemmi hawn fuq mhix sinifikanti. Minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi, ma teżisti l-ebda produzzjoni ta' żerriegħa *Helianthus annuus* L. fil-Latvja; iż-żerriegħa li tinżera' hija importata minn pajjiżi oħra u li jinġabar minnha jintuża biss għall-għalf.

(4) Sakemm jibqgħu fis-seħħ dawn il-kundizzjonijiet, l-Istat Membru rilevanti għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-dispożizzjoni tad-Direttivi 66/402/KEE u 2002/57/KE għall-ispeċi kkonċernati.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Latvja hija meħlusa mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/402/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċi *Avena strigosa* Schreb.

*Artikolu 2*

1. Il-Latvja hija meħlusa mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 2002/57/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17, għall-ispeċi *Brassica nigra* (L.) Koch.

2. Il-Latvja hija meħlusa mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 2002/57/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 17 u 22(1), għall-ispeċi *Helianthus annuus* L.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.

[2] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

EU Book shop

Il-pubbblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT